MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 362/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Grech talli fis-27 ta' Mejju 2006 ghall-habta tas-01:05 hrs f'The Strand, Gzira:

(1) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

(2) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

(3) Saq l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont;

(4) Saq l-imsemmija vettura b' giri aktar milli jmissu;

(5) Saq jewipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. CBI-303 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(6) Gewwa l-Kwartieri General tal-Pulizija irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita tordna li l-imsemmi Michael Grech jigi skwalifikatmil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, il-MVR 127, l-artikoli 15A u 15E tal-Kap. 65 u l-AttVI/1998, sabet lill-imsemmi Michael Grech hati ta' l-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal-multa ta' mitt liri Maltin (Lm100.00), izda ma sabitux hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u ghaldaqstant illiberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha fejn illiberatu fuq it-tieni sal-hames imputazzjonijiet, issib htija fuq is-sitt imputazzjoni, u tinfliggi il-piena skond il-ligi;

Rat it-talbiet ta' Dott. Adrienne Agius registrati fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007 sabiex (1) jigi sfilzat l-affidavit ta' P.C. 99 Mario Portelli peress illi ma hemm ebda indikazzjoni mill-verbal tat-8 ta' Novembru 2006 illi dan kien gie esebit quddiem l-ewwel Qorti u (2) fi kwalunkwe kaz, sabiex jigu sfilzati z-zewg affidavits – kemm ta' P.C. 99 Mario Portelli kif ukoll ta' P.C. 857 John Laferla – peress illi l-imputazzjonijiet huma delitti u ghaldaqstant ma setghetx tigi pprezentata x-xiehda taghhom permezz tal-procedura ta' l-affidavit;

Rat il-provvediment moghti llum stess fejn giet michuda t-tieni talba msemmija izda milqugha l-ewwel wahda u gie ordnat l-isfilz ta' l-affidavit ta' P.C. 99 Mario Portelli;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xiehda ta' l-appellat u ta' Christina Camilleri fis-seduta tallum u dik ta' S.M. 1373 John Micallef fis-seduta tas-16 ta' Frar 2007;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u jsostni illi l-appellat kellu jinsab hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi mill-gdid u ezaminat l-affidavit ta' P.C. 857 John Laferla, hi tal-fehma illi l-Avukat Generali m'ghandux ragun.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-**

**probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax soddisfacentement illi l-appellat kien qieghed isuq bil-velocita` qawwija allegata u li tista' tittraduci ruhha f'sewqan perikoluz u bla kont. Inoltre tqis illi l-manuvra ta' *reverse* illi l-appellat ghamel kienet manuvra traskurata peress illi rriversja ghal distanza pjuttost twila. Il-Highway Code stess tirrakkomanda: *"83. Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary."* Ic-cirkostanzi li fihom irriversja – viz. ma kienx hemm karrozzi ohrajn gejjin lejh, kien qieghed attent ihares lura – ukoll ma jwasslux lil din il-Qorti biex tghid illi kien *"reckless"* f'dak li ghamel. Barra minn hekk m'hemm l-ebda prova illi huwa "ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi". Kwantu ghas-sitt imputazzjoni, S.M. 1373 John Micallef xehed illi ghall-bidu l-appellat ma bediex jonfoh sew meta ghamillu l-*breathalyser test* id-Depot izda mbaghad nefah sew u fil-fatt gew registrati rizultati kif jirrizulta mid-dokument a fol. 5 tal-process. Din il-Qorti ma tarax ghalhekk kif tista' tissussisti s-sitt imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------